MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 429/2010/1

**Kai Jochimsen KI: 19290(A), f'isem Thomas Haberkamp (K.I. Germaniza 5740378987)**

**vs**

**John Formosa KI: 707555 (M) u b'digriet tat-12 ta' April 2010 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Renaissance Productions Limited Nru. Reg. C-35731.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-6 ta' Mejju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas elfejn, disa' mija u tmenin ewro (€2,980)*

*rapprezentanti numru ta' kuncerti li thejjew f'Malta f'Marzu tal-2008.*

*Illi permezz ta' kuntratt anness mat-talba, Thomas Haberkamp bhala Chairman tal-'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia', rapprezentat permezz ta' prokura specjali annessa mat-talba minn Kai Jochimsen, iffirma kuntratt ma' Network Publications Limited, liema kuntratt iffirmah Dr. Anton Tabone f'isem id-Direttur tas-socjeta' John Formosa sabiex muzicisti zghazagh joffru numru ta' kuncerti f'Malta f'Marzu tal-elfejn u tmienja (2008).*

*Thomas Haberkamp sussegwentement talab hlas permezz ta' fatturi annessi mat-talba sabiex ihallsuhom is-somma dovuta. Wara diversi sforzi min-naha ta' Haberkamp sabiex jithallas, Network Publications Limited baqghet ma hallsitx u ghalhekk kellhom jinfethu dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal.*

*Ra r-risposta ta' John Formosa bhala direttur tas-socjeta' Network Publications Limited fejn irrespinga l-pretensjonijiet tal-attur u qal illi preliminarjament huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur: Dr Anton Tabone u/jew Renaissance Productions Limited ma kellhomx l-awtorizzazzjoni li jirraprezentaw lil John Formosa u/jew Network Publications Limited fuq il-kuntratt tat-22 ta' Frar 2008 ma' 'The Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia'. Ghall-kuntrarju, il-ftehim ma' Dr Tabone kien illi Renaissance Productions Limited tikkuntratta hi mall-Assocazzjoni in kwistjoni u tkun hi responsabbli ghall-hlas lill-Assocazzjoni, b'dan illi Network Publications Limited (u mhux John Formosa personalment) eventwalment tirrimborsa lil Renaissance Productions Limited l-ispejjez involuti permezz ta' tpacija fuq somom dovuti minnha lil Network Publications Limited.*

*Kjamata in kawza: Isegwi ghalhekk il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza hija Renaissance Productions Limited u l-eccipjent minn issa jitlob illi din tissejjah fil-kawza.*

*Bl-ispejjez.*

*It-Tribunal permezz ta' digriet tat-12 ta' April 2010 ikkonferma l-kjamata in kawza tas-socjeta' Renaissance Productions Limited.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza Renaissance Productions Limited fejn qalet illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-kjamat in kawza u Thomas Haberkamp. Is-servizzi ta' muzicisti ghal kuncerti nghataw lis-socjetajiet konvenuti Network Publications Limited u Renaissance Productions Limited kienet biss l-agent li ressqet lil Haberkamp mal-konvenut.*

*Illi ghalhekk is-servizz moghti kien bejn l-attur u l-konvenut liema servizz inghata u l-hlas dovut kellu jsir minn min inghata s-servizz waqt li l-agent ircieva biss l-agenzija tieghu. Effettivament il-kjamat in kawza thallas tas-servizz tieghu minghand Network Publications Limited fis-somma ta' elf ewro (€1000).*

*Illi ghalhekk wiehed ma jistax jifhem kif il-konvenut jippretendi li huma responsabbli ghal pagament dovut minnhom lil Haberkamp meta huma rcevew hlas ghall-ftehim t'agenzija fejn Renaissance Productions Limited laqqghet lill-attur mall-konvenut.*

*Illi l-kjamat in kawza m'ghandu jaghti xejn lill-konvenut u kull talba li talvolta l-konvenut u li jista' ghandu in konfront tal-kjamat in kawza hija res inter alios acta ghan-negozju milqugh bejn l-attur u l-konvenut.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra n-nota t' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-kjamata in kawza fejn eccepixxiet ulterjorment l-artiklu 780 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-fatt li Kai Jochimsen ma jirraprezentax il-personalita' guridika ta' 'The Association for the Benefit of Young Jazz Musiciana in North Rhine-Westphalia'.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Sema' u ra x-xhieda ta' Kai Jochimsen, John Formosa u Dr Anton Tabone.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi din it-talba hija dwar hlas rapprezentanti kuncerti li sehhew Malta mill- 'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia', liema assocazzjoni hija rraprezentata minn Thomas Haberkamp bhala Chariman ta' l-istess assocazzjoni.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma li qabel ma jidhol fil-mertu tal-kawza huwa ha jkollu jiddelibera dwar l-eccezzjoni ulterjuri mqajma mis-socjeta' kjamata in kawza.*

*Mill-provi jirrizulta li Kai Jochimsen inghata prokura specjali, sabiex jirraprezenta lil Thomas Haberkamp ta' nazzjonalita' Germaniza f'ismu personali u mhux bhala Chairman ta' l- 'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia', immarkata bhala Dok B, a fol.5, tal-atti. Illi permezz ta' din il-prokura Thomas Haberkamp (K.I. Germaniza numru 5740378987) appunta lil Kai Jochimsen bhala mandatarju tieghu sabiex jigbor xi ammonti allegatament dovuti lilu mis-socjeta' Network Publications Limited skont ftehim iffirmat bejn il-mandatarju u s-Sur John Formosa nomine.*

*Huwa car lit-Tribunal illi l-ftehim ezebit in atti huwa ffirmat bejn Thomas Haberkamp, bhala Chairman tal- 'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine Westphalia' u ghaldaqstant il-firmatarju kien qed jidher ghan-nom tal-assocazzjoni. Illi fl-avviz tat-talba Thomas Haberkamp kien ftiehem bhala Chairman tal-istess Assocazzjoni. Izda jirrizulta li l-prokura specjali, ezebita a fol 5, hija f'isem Thomas Haberkamp personalment u mhux bhala Chairman tal- 'Association for*

*the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia' kif indikat fit-talba.*

*Illi jirrizulta wkoll mill-provi migjuba quddiemu li 'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia', ghandha personalita' guridika taghha u li din l-Assocazzjoni ilha li giet stabbilita mill-1975. It-Tribunal huwa sodisfatt illi din l-Assocazzjoni tiehu sehem f'diversi kuncerti u timpenja ruhha f'diversi ftehim ghall-kuncerti varji li jsehhu madwar id-dinja. Illi l-ftehim li gie ffirmat bejn il-partijiet fit-22 ta' Frar, 2008 gie ffirmat mis-Sur Thomas Haberkamp, bhala Chairman tal-'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia' u huwa car li ma giex iffirmat f'ismu personali. Illi lit-Tribunal jidher car illi meta Thomas Haberkamp iffirma dan il-ftehim huwa ffirmah f'isem l-'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia' u mhux f'ismu personali u ghalhekk isegwi li kwalunkwe procedura li ghandu jiehu huwa ghandu jehoda fil-vesti tieghu ta' Chairman tal-'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia', u mhux fil-kapacita' personali tieghu. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l- 'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia' ghandha personalita' guridika taghha u kienet qieghda tkun rapprezentanta minn Thomas Haberkamp bhala c-Chairman taghha.*

*Illi l-prokura specjali, a fol 5 tirrizulta li giet moghtija minn Thomas Haberkamp f'ismu personali u mhux bhala Chairman tal- 'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-Westphalia. Konsegwentement, hemm lok ghall-illegitimita' tal-attur.*

*Wara li sema' u ra l-provi kollha in sostenn ta' din l-eccezzjoni ulterjuri, t-Tribunal huwa sodisfatt illi Thomas Haberkamp m'ghandu l-ebda interess guridiku f'din il-kawza ghaliex huwa f'ismu personali m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta u s-socjeta' kjamata in kawza. It-Tribunal ghalhekk qieghed jikkonferma l-illegitimata' tal-attur ai termini tal-artiklu 780 tal-kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jiddeciedi li din il-kawza*

*hija nulla u t-Tribunal m'ghandux ghalfejn jidhol fil-mertu tal-kawza.*

*Ghaldaqstant, peress li ma tezisti l-ebda rabta guridika bejn l-attur nomine u s-socjeta' konvenuta kif ukoll mas-socjeta' kjamata in kawza t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, filwaqt li jikkonferma n-nullita' ta' din il-kawza.*

*Bl-ispejjez kollha sopportati mill-attur nomine.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur appellant Kai Jochimsen noe KI 19290 datat 26 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill Thomas Hasberkamp, rappresentat permezz ta' prokura specjali minn Kai Jochimsten, huwa l-legittimu kontradittur f'din il-kawza; u tirrimetti l-materjas lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghal decizjoni dwar il-mertu tal-kawza

Rat li dan l-appell kien appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut appellat John Formosa datata 9 ta' Settembru 2011 a fol 8 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Jimmy Vella ghall-appellat John Farrugia, u Dr. Alistair de Gaetano ghall-appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-21 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 6 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li skond il-ftehim datat 22 ta' Frar 2008 Thomas Haberkamp deher f'ismu proprju u mhux bhala rapprezentant ta' xi assocjazzjoni kif hemm indikat f'din is-sentenza u ghalhekk qed jinghad li t-Tribunal ma kellux jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mis-socjeta' kjamata fil-kawza Renaissance Productions Limited fl-14 ta' Frar 2011 fis-sens li Kai Jochimsen ma ghandux il-personalita' guridika ta' The Assosciation for the Benefit of Young Jazz Musicians in the North Rhine Westphalia.

Illi l-Qorti rat il-kuntratt datat 22 ta' Frar 2008 (Dok. "A") u x-x-xhieda kollha prodotta u mill-istess kuntratt jirrizulta li kuntrarjament ghal kif sostna t-Tribunal Thomas Haberkamp deher fil-kwalita' tieghu personali u mhux ghan-nom tal-imsemmija Assocjazzjoni li taghha huwa ndikat bhala Chairman. Din il-Qorti tinnota li t-Tribunal jista' jkun li ddecieda mod iehor ghaliex fil-premessi tad-decizjoni tieghu jghid *"Illi permezz ta' kuntratt anness mat-talba, Thomas Haberkamp <u>bhala</u> Chairman tal-'Association for the Benefit of Young Jazz Musicians in North Rhine-West-Phalia......",* meta dan ma huwiex korrett ghaliex fl-iskrittura ghalkemm jinghad li Thomas Hasberkamp huwa Chairman tal-istess Assocjazzjoni, ma jindikax li huwa qed jidher ghall-istess, tant li ma jghidx li qed jidher *"on behalf of",* jew xi kliem iehor li jindika li qed jidher ghan-nom tal-istess assocjazzjoni, izda jirrizulta li huwa qed jidher personalment.

Illi minn dan isegwi li l-prokura li huwa ghamel favur Kai Jochimsen (Dok. "B") treggi u ghalhekk il-kawza giet istitwieta sew u l-attur *nomine* huwa l-legittimu kontradittur u b'hekk din il-Qorti qed thassar id-decizjoni fl-ismijiet premessi datata 6 ta' Mejju 2011 b'dan li l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' Renaissance Productions Limited qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-konvenut appellat John Formosa datata 9 ta' Settembru 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellant nomine datat 26 ta' Mejju 2011 biss kif hawn deciz, b'dan li thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Kai Jochimsen noe vs John Formosa noe et" datata 6 ta' Mejju 2011 u thalli l-kawza ghat-trattazzjoni sabiex jigi deciz il-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-konvenut u mill-kjamata fil-kawza.**

**Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni ghall-appellati l-konvenut u l-kjamata fil-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------